MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 707/2002

**Amanda Carabott**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u l-PL Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-19 ta' Lulju 2002 gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Hemoo Elhemoo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Jannar, 2001, kif jidher mill-anness certifikat mmarkat bhala AC1.

Illi l-istess zwieg qatt ma gie kkonsmat, bi ksur tal-Artikolu 19A tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet tal-Malta, stante li l-intimat abbanduna l-attrici immedjatament wara z-zwieg.

Illi sa fejn taf l-attrici, l-konvenut lanqas jinsab f'dawn il-gzejjer.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew wiehed minnhom, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Lulju 2002 fejn Dr Mark Busuttil u l-PL Mario Mifsud Bonnici gew appuntati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Hemoo Elhemoo (fol 5 sa 13).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati a fol 19 fejn gie eccepit:

Li huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw d-dritt li jressqu l-ecccezzionijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 20 tal-process;

Rat il-verbali tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 50 jum kull wiehed u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 t'April 2003.

Rat in-nota tal-attrici tal-24 ta' Marzu 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess u ta' Jane Carabott.

Rat il-verbal tal-10 ta' April 2003 fejn Dr David Camilleri ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar u Dr Mark Busuttil bhala kuratur informa lill-Qorti li m'ghandux provi x'jipproduci. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Amanda Carabott** sostniet illi:

*"Nghid illi ghall-habta tas-sena elfejn, konoxxenza tal-habiba tieghi, certu Ahmed, avvicinani biex naghmillu pjacir. Huwa riedni nizzewweg lil habib tieghu, certu Hemmo Elhemmoo, u dana sabiex dan ta' l-ahhar ikun jista' jahdem Malta. Qalli wkoll illi dan l-istat ma kienx wiehed permanenti, u cjoe illi wara tliet xhur mid-data taz-zwieg huwa kien ser jaghmel dak kollu necessarju sabiex ixolji l-imsemmi zwieg, u jiena nkun nista' nerga' lura ghall-istat tieghi ta' xebba daqs li kieku z-zwieg qatt ma kien sehh. Nghid illi ghall-bidu, xejn ma kont konvinta minn Ahmed u dak li kien qieghed jipproponili. Kienet l-imsemmija habiba tieghi illi pperswadietni sabiex naghmel dan il-pjacir lil Ahmed, u dan peress illi hija stess kienet diga' dahlet ghal zwieg simili. Kien biss wara xahar u nofs illi ddecidejt naghmel dan il-*

*pjacir lil Ahmed. Nghid ukoll illi l-konvinzjoni tieghi aktar kibret meta Ahmed weghdni illi jekk nizzewweg lil Hemmo Elhemmoo, kien ser jaghtini sitt mitt lira [Lm600].*

*Ghaldaqstant, Ahmed tani data sabiex niltaqa' mieghu u ma' Hemmo Elhemmou. In fatti, fil-5 ta' Jannar 2001, iltqajna barra l-Insinwa. Ahmed ma dahalx maghna, u dana peress illi ma riedx li jkun hemm xi suspetti dwar iz-zwieg li kien ser jigi registrat gewwa l-Insinwa. Nghid illi din kienet l-ewwel darba li qatt iltqajt ma' dan Hemmo Elhemmoo. In effetti, lanqas biss kont naf x'jismu. L-uniku kuntatt illi kelli mieghu kien ghal perjodu ta' madwar nofs siegha, u cjoe il-perjodu illi fih konna qeghdin l-Insinwa. Hemmhekk jiena iffirmajt xi karti. Nghid ukoll illi jiena ddecidejt illi nzomm kunjomi. Lil Hemmo Elhemmoo qatt ma ergajt rajtu. Nghid ukoll illi dak in-nhar stess Ahmed tani s-sitt mitt lira li kien weghdni. Huwa rega' qalli illi konna ser nergghu niltaqqghu appena jghaddu almenu tlett xhur, l-iktar l-iktar sitt xhur, u dana sabiex niffinalizzaw kollox.*

*Fil-frattemp, nghid in oltre illi jiena bqajt ghaddejja bil-hajja tieghi. In fatti bdejt relazzjoni ma' l-gharus tieghi, certu Evan Xerri u mill-liema relazzjoni twieldet tifla, u cjoe Chanelle illi ghandha tmien xhur u nofs.*

*Ghadda perjodu ta' sena mill-imsemmi zwieg. Ahmed rega' iltaqa' mieghi u ma' Evan, u weghdna illi kien ser jirranga kollox hu, fis-sens illi kien hu li kien ser jgib l-karti necessarji minn barra, mis-Sirja, sabiex jiena nkun nista' ninhall miz-zwieg fittizju illi kont dhalt ghalih. Ahmed qalli ukoll illi kien ser ihallas l-ispejjez hu sabiex jehlisni minn dan iz-zwieg ta' konvenjenza. Izda spiccajt hallast l-ispejjez jiena. In oltre, Ahmed telaq minn Malta u qatt ma rega' kkuntatjani biex jurini dawn il-karti illi huwa kien weghdni.*

*F'dan il-perjodu, nikkonferma illi lil Hemmo Elhemmoo qatt ma ergajt rajtu. Tant hu hekk, illi illum il-gurnata kieku kelli narah, lanqas biss kapaci ngharfu."*

Illi fl-affidavit taghha **Jane Carabott** qalet illi:

*"Nghid illi jiena omm Amanda Carabott. Nghid ukoll illi jiena ma kont naf b'xejn dwar il-fatt illi binti kienet izewwget ragel Gharbi, certu Hemmoo Elhemmoo, u dana bhala pjacir lil Ahmed. Kien biss meta harget tqila, u cjoe f'Awwissu 2001, meta kienu ghaddew seba' xhur miz-zwieg ta' konvenjenza illi kienet dahlet ghalih binti, illi Amanda avvicinatni u nfurmatni b'kollox. Qaltli illi kien Ahmed li kien avvicinaha sabiex tidhol ghal dan iz-zwieg. Qaltli ukoll illi l-istess Ahmed kien taha sitt mitt lira [Lm600] ghal tali pjacir. Nghid ukoll illi jiena kont naf min kien dan Ahmed. Kien dan iz-zmien illi Amanda talbitni l-ghajnuna."*

**(B) <u>APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>**

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg mal-konvenut *stante* li qed tikkontendi li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attrici qed tivvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi jinghad, li l-attrici sostniet li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqara hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero’ fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li dan kien zwieg ta’ konvenjenza *per eccellenza stante* li kif jidher mix-xhieda fuq riportata, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta, l-attrici zzewget lill-konvenut bla ma kienet biss qatt tafu u dan billi thallset ammont ta’ flus u giet iwieghda ammont ta’ flus iehor sabiex il-konvenut ikun jista’ jakkwista c-cittadinanza tieghu ta’ dan il-pajjiz u fil-fatt hlief ghall-ftit sieghat, jekk mhux minuti sakemm saret ic-celebrazzjoni civili, ta’ dan l-hekk imsejjah “zwieg”, il-kontendenti qatt ma ltaqghu izjed ma xulxin u wisq inqas ghexu flimkien, u certament dan ghandu jghati lok ghall-annullament taz-zwieg abbazi tal-artikolu citat mill-attrici **artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**, ghar-raguni mputabbli liz-zewg partijiet, ghax jidher li l-istess attrici dahlet f’din il-bicca xoghol konxjenzozament u bir-rieda taghha, minkejja l-fatt li kienet taf, kif taf illum li din hija ghal kollox raguni zbaljata sabiex wiehed jidhol f’din ir-rabta.

Illi kif inghad fis-sentenza “**Mary el Metwaly vs Adil Ibrahim el Metwaly**” (P.A. (RCP) 24 t’Ottubru 2002 – Cit Nru: 1820/96/RCP) fejn jidher li l-konkluzjoni hemm raggunta tapplika wkoll ghal dan il-kaz:

*“Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-konvenut meta zzewweg civilment lill-attrici kien li jizzewwigha biex jottjeni l-iskop tieghu cjoe’ c-cittadinanza u l-passaport. Barra minn dan hu anke evidenti li hu ma assuma ebda obbligazzjoni jew responsabilita’ ta’ ragel mizzewweg. B’hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.”*

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua"** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, u f'dan il-kaz jidher car li tali principji hemm riprodotti japplikaw ghal din is-sitwazzjoni peress li jidher li l-kunsens tal-partijiet kien simulat peress li eskludew pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255** dan jipprovdi li:-

*"Iz-zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wkoll minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg".*

Illi wara dak li ntqal aktar il-fuq din hija biss kwistjoni akkademika, pero' din il-Qorti thoss li dan l-artikolu japplika biss fil-kaz ta' zwieg li jkun validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk la darba dan iz-zwieg gja gie ddikjarat iktar il-fuq li huwa null minhabba difett fil-kunsens, mela allura dan l-artikolu ma jistax jigi applikat ghall-kaz *de quo* w allura t-talba fuq il-bazi ta' dan l-artikolu ghandha tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess jistghu jikontradixxu dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti tal-5 ta' Jannar 2001

ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------